KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

| Ref: Seduta 21_13/08/07/V |
|---|

## MINUTI TAL-WIEĦED U GĦOXRIN SEDUTA

**Il-wieħed u għoxrin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **it-Tnejn 13 ta' Awissu, 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |
| **Assenti skużati:** | |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsillier** | **Julian Galea (Imsiefer)** |

Is-seduta bdiet fl-3.45pm b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 20_11/07/07**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Affarijiet Oħra**



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA NUMRU 20

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija u ġew proposti mis-Sindku M. Arrigo u ssekondati mill-kunsillier M. Briguglio u approvati bi qbil unanimu.

*(Daħal il-kunsillier N. Dimech 4pm)*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

Ma kien hemm ebda materji konnessi mal-minuti

## 3. KORRISPONDENZA U KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Ittra mill-kumpanija *Where's Everybody* għall-permess sabiex jittella' l-programm 'Pjazza' f'Tas-Sliema nhar is-7 ta' Settembru, 2007. Il-Kunsill ma' sab ebda oġġezzjoni għal din u għandha ssir Għar id-Dud fejn il-Fortizza.

3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kwotazzjoni dwar xogħlijiet f'*culvert* fi Triq Moroni għall-ispiża li tammonta Lm295 (€687.16). Il-Kunsill qabel li għandhom isiru dawn ix-xogħlijiet b'garanzija li tissolva l-problema ta' l-ilma eżistenti kull darba li tagħmel ix-xita. Il-Kunsill xtaq li jiċċara wkoll li peress din il-area msemmija hija privata u l-biċċa xogħol mhix fil-kompetenza tal-Kunsill innifsu sabiex jibgħat ittra bl-avukat tal-Kunsill (bla preġudizzju) lis-sid ta' l-area fejn jintqal li mhiex responsabbilta' tal-Kunsill.

3.3 Talba minn għand l-*Environmental Landscapes Consortium* sabiex nixtru *irrigation pump* għall-promenade ta' Tas-Sliema. Il-Kunsill iddeċieda li din it-talba għandha tinżamm, minħabba li se jagħlaq t-*tender* tal-manutenzjoni u żamma ta' *soft areas* u ġonna pubbliċi.

3.4 Talba mis-Sur Wilfred Mangion sabiex tittranġa l-livell tal-bankina fi Triq Sant' Elena sabiex tkun iżjed aċċessibbli għad-dar tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan.

*Daħal il-kunsillier L. Vella fl-4.15pm*

3.5 Ittra minn *Tigne' and Qui-Si-Sana Residents Association* rigward il-proġett *TownSquare*. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat kopja ta' din l-ittra lill-MEPA għall-attenzjoni tagħhom.

3.6 Kien hemm talbiet għal dawn ir-*reserved parking* :-

Triq Karm Galea (Rif: 115)
Triq Manwel Dimech (Rif: 114)
Triq Parisio (Rif: 113)

Il-Kunsill ma qabilx ma' dawn it-talbiet, minħabba l-fatt li l-ħadt minn dawn l-applikanti ma jsuq u mhumiex ta' natura gravi.

3.7 Talba mill-*WasteServ Malta Ltd* sabiex titpoġġa *bring in site* fi Triq it-Torri. Il-Kunsill mhuwiex f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni għalissa minħabba li s-servizz preżenti mhuwiex wieħed tajjeb u qabel ma' s-servizz jitjieb m'għandhomx jiżdiedu s-siti. Il-Kunsill irrimarka dawn il-punti wkoll: li l-kollezzjoni minn fejn hemm is-siti l-oħra għandha ssir iżjed b'mod frekwenti. Is-siti li diġa tpoġġew f'Tas-Sliema mhux qegħdin jiġu mnaddfa.

3.8 Is-Segretaru Eżekuttiv spjega dwar ix-xogħlijiet li għandhom bżonn isiru fuq il-bankina ta' Triq San Piju V. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir b'daħla fl-ewwel biċċa u bi *drop kerb*. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jitpoġġew *bollards.*

3.9 Korrispondenza dwar il-*bus shelter* għal Triq Bisazza. Il-Kunsill mhuwiex f'pożizzjoni li jieħu deċiżjoni għalissa minħabba li għadu ma' ġiex deċiż jekk din hux se ssir *pedestrianised.*

Fuq dan il-punt il-kunsill semma li l-*bus shelter* tax-Xatt (quddiem *Marks and Spencers*) tpoġġiet wisq fin-nofs tal-bankina. Il-Kunsill għandu jara l-pjanti.

Dwar il-*bus shelter* għal Triq it-Torri (bejn Triq Għar il-Lembi u Triq Għar id-Dud) il-Kunsill qabel, li qabel ma japplika għandu jwessgħa ftit il-bankina. Il-kunsillier M. Debono għandu jmur jkejjel fuq il-post.

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk għandiex nibgħatu l-perit tal-Kunsill għal kejl tax-xogħlijiet ta' toroq li qegħdin isiru mal-Ministeru għar-Riżorsi u Infrastruttura bħala *joint venture.* Il-Kunsill ma' qabilx li nqabbdu lill-perit tal-Kunsill għal dawn ix-xogħlijiet, iżda ddeċieda li l-konkos kollu għandu jkun C25 biex ikun aktar b'saħħtu. Sadanitant is-Segretarju spjega wkoll li sakemm jiġu ġġudikati t-*tenders* talab għal kwotazzjonijiet għall-materjal għal dawn ix-xogħlijiet tal-*joint venture.*

3.11 Sabiex jiġu ġġudikati ż-żewġ *tenders* tar-*Road Resurfacing* u proviżjoni ta' materjal, il-bord se jkun magħmul mis-Sindku M. Arrigo, il-kunsilliera N. Dimech u M. Debono.

3.12 Is-Sindku fakkret dwar it-triq li għandha ssir minn Polidano b'metraġġ ta' 450sqm. Il-Kunsill kien diġa ddeċieda li ssir il-kumplament ta' Triq il-Kbira, iżda minħabba l-fatt li għad hemm il-kwistjoni ma' *AX Holdings Ltd* il-Kunsill qabel il-għandha ssir Triq Windsor u Triq Ġuże Howard minflok.

3.13 Fuq suggeriment tal-kunsilliera M. Azzopardi, il-Kunsill qabel li għandu jirrestawra n-niċċa tal-Madonna taċ-ċintura li tinsab fi triq il-Knisja. In-nefqa għandha tkun madwar Lm150 (€ 349.40).

3.14 Ittra mill-BOV sabiex il-Kunsill jissuġġerixxi post fejn jistgħu jitħawwlu siġar permess ta' *34U Campaign.* Il-Kunsill kien iddeċieda li għandhom jitħawwlu fil-Ġnien ta' Qui-Si-Sana fejn il-bandli. Fuq suġġeriment tas-Sur Glenn Bugeja ta' *34U Campaign* il-Kunsill qabel li għandhom jitħawwlu ftit ukoll matul il-*path way* fi Ġnien Indipendenza.

3.15 Is-Sindku infurmat li kellha talba b'mod verbali mill-Banda ta' San Girgor sabiex issir attivita` bejn l-24 u s-26 ta' Awissu, 2007. Il-Kunsill għandu *policy* li ssir attivita` ta' Parroċċa waħda biss. Peress li dak in-nhar hija l-festa ta' San Giljan il-Kunsill ma' laqax din it-talba. Il-Kunsill qabel li jekk jistaqsu għall-attivita` simili fi żmien ieħor jingħatalhom il-permess għal ġurnata waħda biss.

3.16 Dwar il-proposta ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport tal-proġett fi Triq ix-Xatt, Il-kunsillier M. Debono staqsa għal kopja ta' DVD dwar il-pjanta tal-proġett li ġiet ippreżentata f'din il-laqgħa sabiex ikunu jistgħu jsiru suġġerimenti. Il-Kunsill għandu jagħmel il-proposti tiegħu, wara li tingħata din id-DVD lill-Kunsill. Sadanitant ġew diskussi l-possibbilitajiet li jiżdied l-parkeġġ. Il-Kunsill għandu jiltaqa' ma' l-ADT wara li jsiru dawn il-proposti.

3.17 Talba mis-Sinjura M. Vella sabiex ikollha *stand* tal-qubbajd matul is-sena kollha x-Xatt. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

3.18 Talba għall-kummenti tal-kunsill, mill-MEPA f'isem Carmelo Tanti għal proposta sabiex il-*mobile kiosk* li huwa eżistenti x-Xatt issir *fixed kiosk*. Il-Kunsill ma qabilx dwar dan għax jekk tagħti lill-wieħed trid tagħti lill-ieħor u l-*promenade* jista jimtela` bil-*kiosks*. Fuq dan il-punt il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja li dan il-*kiosk* għandu l-permessi neċesserji u jekk hux konformi mal-liġi.

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat mis-seduta 5.20pm*

3.19 Ittra mill-president ta' l-Għaqda Sajjieda Dilettanti Sliema, fejn infurma lill-Kunsill bin-notifikazzjoni (PA 3357/07) mingħand is-Sur Gerald Micallef sabiex il-*boat house* li hemm preżentament fuq il-bajja ta' taħt il-Ġnien Indipendenza ssir kiosk. Il-Kunsill ma' jaqbilx ma' din l-applikazzjoni u għandu jibgħat oġġezzjoni lill-MEPA minħabba dawn ir-raġunijiet:-

A. Li m'hemmx bżonn ta' aktar *kiosks*
B. Għall-fatt li kull ma kien hemm jumejn ċans għall-oġġezzjoni
C. Il-Kunsill jidhirlu li din għandha tingħata lill-Għaqda Dilettanti Sajjieda
D. M'għandux ikun hemm aktar entitajiet kummerċjali fuq il-bajja

Il-kunsill qabel li għandu jibgħat kopja ta' din l-informazzjoni lill-Għaqda Dilettanti Sajjieda Sliema.

3.20 Talba mis-Sur M. Paris sabiex ipoġġi '*rotating bollard*' fi Triq Bisazza Sliema. Il-Kunsill ma' laqax din it-talba.

*Daħal il-kunsillier N. Dimech fil-5.40pm*

3.21 Ittra mis-Segretarjat Parlamentari għall-anzjani u l-kura fil-komunita` fejn talbu lill-Kunsill jinnominaw għall-premju 'Anzjan tas-Sena'. Il-kunsilliera M. Aquilina qablet li l-Kunsill għandu jinnomina lis-Sinjura H. Abdilla, filwaqt li l-membri l-oħra preżenti għandhom jibgħatu *email* bin-nominazzjoni taggħom sad-29 ta' Awissu, 2007.

3.22 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa dwar in-nefqa għar-rigali li jridu jittellgħu fid-delegazzjoni ta' *Sables d'Olonne* fi Franza li se tkun mil-31 ta' Awissu sat-3 ta' Settembru, 2007. Għalkemm il-Kunsill ma' speċifika l-ebda ammont kien hemm qbil unanimu li għandna nixtru rigali adattati.

3.23 Talba mill-*Heritage Malta* sabiex tittella' wirja fuq *projector* f'Għar id-Dud fejn (ex-Chalet) nhar it-18 ta' Awissu, 2007. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għall-din l-attivita`.

3.24 Talba minn l-*Environmental Landscapes Consortium* fejn irrakomandaw li għandhom jitwaħħlu *tamerix africana trees* li l-ispiża tammonta għal Lm1298.42 (€ 3024.50) exc. VAT). Il-kunsill ma' qabilx ma' din ir-rakkomandazzjoni, anzi qabel b'mod unanimu li għandu jikteb lill-ELC fejn juri li l-Kunsill huwa ferm diżappuntat bis-servizz li taw dawn it-tlett snin, fejn iħossu li tilfu ż-żmien għaliex kemm il-darba ltaqgħu kemm fl-uffiċċju kif ukoll *on site*, sabiex ikun hemm servizz aħjar ma' sewa għalxejn, u ma' kien xejn produttiv.

Fuq dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li dalwaqt jagħlaq it-*tender* għall-manutenzjoni ta' *soft areas* u kif se nqassmu t-*tender* sabiex joħorġu l-ispeċifikazzjonjiet. Il-Kunsill qabel li għandha tinqasam fi tlieta kif ġej:-

- Ġnien Indipendenza
- Ix-Xatt u l-Ġnien ta' Qui-Si-Sana
- Il-kumplament ta' *soft areas*

3.25 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-kunsilliera preżenti l-*management letter* flimkien mar-risposta li nagħtat lura min-naħa tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel mar-risposta.

*Il-Kunsllier L. Vella ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-6pm*

3.26 Ittra mill-Hon. J. Cuschieri MP dwar it-*tower crane* li ġie mwaqqaf fi Triq San Pawl minħabba li jinsab f'periklu u inkonvenjenza għar-residenti. Il-Kunsill qabel li għandu jwassal din l-ittra lill-kuntrattur involut.

## 4. MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA

4.1 Il-kunsilliier M. Aquilina ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill it-talba għall-korsijiet dwar il-*beading* u *monastery* li se jibdew f'Ottubru li ġej. Il-Kunsill għandu jagħmel *flyers* sabiex jara min hu interessat. Il-ħlas ta' wieħed se jkun Lm2 (€ 4.65) għal kull lezzjoni filwaqt tal-kors l-ieħor se jkun Lm10 (€ 23.29) kull sezzjoni. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

4.2 Is-Sindku rrimarkat dwar il-laqgħa li l-Kunsill kellu mas-sidien tar-ristoranti fejn il-Kunsill kien iddeċieda li jagħmel linji neċessajri biex jiġi indikat il-*border line* sa fejn għandhom jasslu l-imwejjed u s-siġġijiet, fejn infurmat li eventwalment għandha ssir *site inspection* fix-Xatt.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-iskeda tal-pagamenti li kienet intbgħatet lill-kunsilliera ma' l-agenda. Il-kunsillier N. Dimech ippropona l-approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti ċekk numru 8822 sa 8906 u l-kunsilliera M. A. Azzopardi ssekondat. Kien hemm qbil unanimu dwar il-pagamenti.

## 6.0 AFFARIJIET OĦRA

Ma kienx hemm affarijiet oħra.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm. Laqgħa oħra ġiet imsejħa għad-19 ta' Settembru, 2007 fl-4.30pm.

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**